MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 198/2005

**Avviz numru 198/05DM**

**Mixer Concrete Works Limited (C 17858)**

**Vs**

**George Farrugia (ID 527061 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sebgha u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,047.90) dovuti mill-konvenut lis-socjeta' attrici skond skrittura privata tat-8 ta' Gunju, 2004, inkluz l-imghax dekoribbli skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2005.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Gunju, 2005, fejn deher il-konvenut personalment u ammetta t-talba attrici u pprometta li jaghmel pagamenti akkont;

Billi fis-seduta tal-lum id-difensur tal-kumpanija attrici ddikjara illi l-konvenut nono stante l-ammissjoni u promessa ma ghamel l-ebda pagament akkont ta’ l-ammont dovut lill-kumpanija attrici, talab li tinghata sentenza.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni l-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u qieghda konsegwentement tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta’ elfejn u sebgha u erbghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm2,047.90) bl-imghax legali b’effett mit-8 ta’ April, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------